MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 175/1999/1

Simonds Farsons Cisk plc .

vs

Domenico Savio sive Savio u Theresa konjugi Spiteri, u b'degriet tas-26 ta' Mejju, 200 giet kjamata fil-kawza is-"Socjeta' Gourmet Co. Ltd" .

Il-Qorti ,

Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici, wara li ppremettiet :

Illi s-socjeta' attrici ffirmat ftehim mal-konvenuti fl-1 ta' Gunju, 1994 (hawn anness u mmarkat Dok. "A"), liema ftehim kien jobbligah illi jbiegh prodotti taghha fl-istabbiliment maghruf bhala "Gourmet Bar and Restaurant" f'1, Triq ix-Xatt, Xlendi, Ghawdex .

Illi ghab-bazi tal-imsemmi ftehim, is-socjeta' attrici sellfet lill-konvenut is-somma ta' erbat elef lira (Lm 4,000)

permezz ta' prodotti tas-socjeta' attrici, liema somma kellha tithallas lura mill-iskontijiet normalment ipprattikati fuq l-istess prodotti tas-socjeta' attrici meta jinxtraw mill-konvenut .

Illi l-konvenuti kisru l-istess ftehim billi ma baqghux ibieghu l-prodotti tas-socjeta' attrici fl-istabbiliment imsemmi u ghalkemm debitament interpellati, naqsu illi jirrifondu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija u erbgha u tletin lira u tmienja u hamsin centezmu (Lm3,434.58), liema ammont jikkostitwixxi l-bilanc li ghadu dovut lis-socjeta' attrici mill-istess self peress illi ma tnaqqasx kif imsemmi u kif jirrizulta wkoll mill-anness rezokont immarkat Dok, "B" .

Illi l-ammont fuq imsemmi ta' tlett elef erba' mija u erbgha u tletin lira u tmienja u hamsin centezmu (Lm 3,434.58) huwa cert, likwidu u dovut u l-istanti nomine halef dan b'affidavit hawn anness u mmarkat Dok. "C" kif ukoll halef li fil-fehma tieghu, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talbiet attrici .

Illi l-istess konvenuti gew interpellati jhallsu s-somma msemmija izda baqghu inadempjenti u ghalhekk, kellha ssir dina l-kawza .

Talbet lilll-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din il-Qorti :

1. Tipprocedi ghas-sentenza minghajr is-smiegh tal-kawza u dana skond l-Artikoli 167 – 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) .
2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija u erbgha u tletin lira u tmienja u hamsin centezmu (Lm3,434.58) rapprezentanti bilanc minn somma akbar mislufa lill-konvenuti kif intqal .

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-2 ta' Lulju, 1998 u tat-8 ta' Awissu, 1999 bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrkin .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' attrici, konfermata bil-gurament ta' Andrew Camilleri .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi :

1. Illi ghandha tigi kjamata in kawza s-socjeta’ Gourmet Company Limited liema socjeta’ ghandha l-kirja u tiggestixxi l-Gourmet Bar & Restaurant .

2. Illi l-konvenuti f’isimhom proprju ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li huma tharrku skorrettament billi l-Gourmet Bar & Restaurant huwa mikri lil u gestit mis-socjeta Gourmet Company Limited u mhux minnhom personalment .

3. Illi l-premessi tas-socjeta attrici fic-citazzjoni huma ghal kollox zbaljati u ghalhekk it-talbiet ma jsegwux billi kif jirrizulta mill-ftehim tal-1 ta’ Gunju, 1994 (Dok. A) anness mac-citazzjoni s-socjeta’ attrici obbligat ruhha li taghti lill-konvenuti s-somma ta’ erbat elef lira (Lm4000) talli l-konvenuti ma jbieghux prodotti ohra kompettitivi ghal dawk tas-socjeta’ attrici u minn imkien ma jirrizulta illi s-socjeta’ attrici sellfet lill-konventui s-somma ndikata .

4. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt billi la huwa cert, likwidu u wisq anqas dovut stante illi ma hemm l-ebda terminu specifiku fil-ftehim u konvenuti bl-ebda mod ma kissru l-istess ftehim .

5. Il-preskrizzjoni ta’ sentejn skond il-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) f’kaz li s-Socjeta’ attrici qed titlob rifuzjoni ta’ zi ammont imhallas lill-konvenuti .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti mahlufa minn Savio Spiteri .

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Mejju 2000 fejn giet kjamata fil-kawza is-socjeta' Gourmet Company Limited .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugha .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu l-ammont indikat fic-citazzjoni rapprezentanti bilanc minn somma akbar mislufa lilhom . Irrizulta illi s-socjeta' attrici kienet lahqet ftehim ma' l-attur fejn huwa kellu jinghata b'valur ta' erba' telef lira maltija (Lm4000) fi prodotti minn taghha, bil-kundizzjoni illi huwa jixtri biss mill-prodotti li tipproduci jew tinnegozja l-istess kumpanija . Dan is-self kellu jithallas lura billi jsir skont skond skeda stabilita[1] minn dak li jkun dovut mill-konvenut ghall-ordnijiet li huwa jaghmel minn ghandha[2] . Gara illi ghall-ewwel il-konvenut kien qed jonora l-ftehim u l-ammont misluf kien qed jitnaqqas ma' kull ordni li jaghmel minghand is-socjeta' attrici . Pero' wara xi zmien inqala l-inkwiet ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u l-konvenut ma baqghax jopera l-istabiliment tieghu, bil-konsegwenza illi ma xtarax aktar prodotti minghand ta' Farsons, meta kien ghad baqghalu zbilanc sfavorevoli kontra tieghu fl-ammont mitlub fic-citazzjoni .

Mill-bidu l-konvenut sostna illi dan in-negozju ma sarx mieghu personalment, imma mal-kumpanija tieghu "Gourmet Company Limited" . Ghalkemm intlaqghet it-talba tieghu sabiex tigi kjamata fil-kawza din il-kumpanija, ma jirrizultax illi din setghet b'xi mod kienet involuta fil-ftehim . Inghad fuq il-kuntratt relattiv, illi l-kontraenti kienu "Simonds Farsons Cisk Limited" minn naha u "Savio Spiteri" ta' “Gourmet Bar and Restaurant" minn naha l-ohra . Imkien ma nsibu li l-konvenut kien qed jidher ghan-

[1] A fol. 7 tal-process .
[2] Dok. A anness mac-citazzjoni. .

nom ta' xi kumpanija[3] . Ghalhekk minkejja l-kontensjoni tal-konvenut illi l-*bar* u *restaurant* indikati f'dan il-ftehim huma mikrija u mmexxija mis-socjeta' kjamata fil-kawza, dan ghas-socjeta' attrici, gialadarba din il-kumpanija tal-konvenut qatt ma giet rikonoxxuta minnha, m'ghandu jkun ta' ebda rilevanza, gialadarba ghall-iffirmar tal-ftehim *de quo* deher il-konvenut fil-vesti personali tieghu biss .

Il-konvenuti jikkontendu wkoll illi ma kien sar ebda self, imma semplicement ghotja fis-somma ndikata, talli ntrabtu li ma jbieghux prodotti ta' haddiehor . Imma li dan il-ftehim kien tip ta' self johrog mill-kundizzjonijiet specifikati fil-kuntratt ta' l-1 ta' Gunju 1994[4] . Huwa veru li s-self ma kienx fi flus kontanti, imma fi prodotti. Infatti gie precizat fl-istess ftehim illi l-konvenut kien qed jinghata 272 Kegs tal-birra Cisk tat-30 litru[5] . Irrizulta mbaghad illi dawn, il-konvenut utilizzahom sabiex inaqqas mid-debitu li kellu ma' l-agent ta' Farsons f'Ghawdex[6] .

Ix-xhud mressaq mill-kumpanija attrici spjega kif l-ammont mitlub huwa dovut u kkonferma wkoll il-kontenut ta' li *statement* (dok. B) esebit mac-citazzjoni[7]. Imma l-konvenut jikkontendi wkoll illi l-ftehim *de quo* ma jsemmi mkien iz-zmien illi fih kellu jsir il-hlas lura ta' l-ammont misluf . Pero', apparti l-fatt illi l-klawsola 5a tispecifika appuntu illi l-ftehim kellu jibqa' fis-sehh sakemm l-ammont misluf ma jkunx gie kollu skontat, gialadarba l-konvenut ghal kwazi hames snin baqa' ma qata' xejn aktar mid-dejn tieghu mas-socjeta' attrici, u lanqas jidher illi kien ser ikompli jhallas, gialadarba waqqaf ghal kollox in-negozju li kellu fix-Xlendi, ma jistax issa jippretendi illi l-ammont mitlub ghadu mhux dovut u li s-socjeta' attrici tibqa' tistenna *ad infinitum,* anke minhabba l-preskrizzjoni li altrimenti tibda' tiddekorri kontra taghha .

Infatti l-konvenuti eccepew finalment il-preskizzjoni ta' sentejn, "*skond il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura*

---

[3] Ibid .
[4] ibid .
[5] para. 2 tal-ftehim .
[6] ara depozizzjoni ta' Bernadette Agius tas-17.5.2002 a fol. 46 et. seq. .
[7] ara depozizzjoni Alex Pulis tat-8.11.2001 a fol. 31 et .seq. .

*Civili* " (sic) .  Imma l-Qorti ma tistax tara kif il-preskrizzjoni ta' sentejn, a tenur ta' l-artikolu 2149 tal-kap. 16, ghal liema preskrizzjoni presumibilment qed jirreferu l-konvenuti,  tista' tkun applikabbli ghall-kaz in ezami .

Billi ghalhekk l-ebda wahda mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti ma tista' tigi milqugha, ma jibqa' ebda ostakolu ghaliex it-talba attrici m'ghandhiex tigi milqugha .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tillibera lis-socjeta' kjamata fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija u erbgha u tletin lira maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm3434.58), rapprezentanti bilanc minn somma akbar mislufa lill-konvenuti .

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data tac-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenuti .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------